LANDS Authority

# Dokumenti rikjesti għar-Rikonoxximent bħala Enfitewta / Ċenswalist

- Ittra lill-**Awtorita' tal-Artijiet – Uffiċċju Legali**, fejn jintalab rikonoxximent bħala Ċenswalist / i tal-propjeta'. Għandhom jiġu inklużi dettalji bin-numru tal-mobile u l-indirizz elettroniku fejn ser tibda tirċievi kull korrispondenza, inkluż fatturi maħruġa mill-Awtorita';

- Kopja awtentikata tal-kuntratt tal-akkwist. F'każ ta' trasferiment li jsir wara mewt, apparti t-testment u d-denunzja, iridu jiġu ppreżentati wkoll kopja tar-riċerki testamentarji fir-Reġistru Pubbliku u mill-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) flimkien ma' dikjarazzjoni minn Nutar li tindika l-werrieta kollha kif ukoll is-sehem relattiv ta' kull werriet mill-propjeta' inkwistjoni;

- F'każ ta' kumpaniji, tkun meħtieġa kopja tal-*Memorandum and Articles of Association*;

- F'każ ta' separazzjoni, għandu jkun anness ukoll l-estratt mill-kuntratt ta' separazzjoni jew mid-digriet li jikkonċerna t-trasferiment tal-propjeta' inkwistjoni;

- Kopja tal-aħħar irċevuta ta' pagament lill-Awtorita' tal-Artijiet;

- Dikjarazzjoni iffirmata (tista' tinkiseb minn fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita');

- Kopja tal-kuntratt tal-Enfitewsi oriġinali flimkien mal-pjanta annessa, li jinkiseb minn Nutar tal-Gvern;

- Pjanta mir-Reġistru tal-Artijiet.